



Brussell, is-6 ta' Lulju 2020  
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-data  
tad-9 ta' Jannar 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ġareg mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>. Sa dik id-data, id-dritt tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li b'mod partikolari jipprevedi għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>5</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Huwa ċar ukoll li wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn ir-Renju Unit, għajr dik li hija rregolata mill-Artikolu 71(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ma huwiex se jitqies bħala kondiviżjoni ta' *data* fl-Unjoni. Se jkollu jikkonforma mar-regoli rilevanti tal-Unjoni li huma applikabbli għat-trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi.

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż li mhuwiex membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

<sup>3</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba b'sena jew sentejn qabel l-1 ta' Lulju 2020 (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). S'issa l-Gvern tar-Renju Unit eskluda tali estensjoni.

<sup>4</sup> Soġġett għal ċerti eċċeżżjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż .

<sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini”, u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jnejhi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkantija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni ġuridika applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt)<sup>6</sup>. Dan l-avviż jiispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet ta' separazzjoni rilevanti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B aktar 'l ifsel).

## A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI - IT-TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI LEJN IR-RENJU UNIT

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, it-trażmissjoni ta' *data* mill-UE lejn ir-Renju Unit hija “trasferiment” fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 (il-GDPR)<sup>7</sup>. Minbarra l-possibbiltà ta’ “deċiżjoni ta’ adegwatezza”, ir-Regolament (UE) 2016/679 jipprevedi l-possibbiltà ta’ trasferimenti abbażi ta’ “salvagwardji xierqa” (ara aktar ‘l ifsel, it-taqSIMA 1) u “derogi” (ara aktar ‘l ifsel, it-taqSIMA 2).

### 1. SALVAGWARDJI XIERQA

#### 1.1. Klawsoli standard dwar il-protezzjoni tad-data

Skont l-Artikolu 46(1),(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679, id-data personali tista’ tiġi ttrasferita abbażi ta’ klawsoli standard dwar il-protezzjoni tad-data li jiġu adottati mill-Kummissjoni<sup>8</sup>.

#### 1.2. Regoli korporattivi vinkolanti

Skont l-Artikolu 46(1),(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679, id-data personali tista’ tiġi ttrasferita abbażi ta’ regoli korporattivi vinkolanti.

Regoli korporattivi vinkolanti jirrikjedu approvazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti ta’ Stat Membru tal-UE b’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679<sup>9</sup>. Ir-regoli korporattivi vinkolanti li ġew approvati mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, jiġifieri l-25 ta’ Mejju 2018<sup>10</sup>, huma validi fl-UE kollha kemm hi.

Ir-regoli korporattivi vinkolanti approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti tar-Renju Unit mill-25 ta’ Mejju 2018 ma għadhomx jiprovd salvagwardji adegwati wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, sakemm dawn

<sup>6</sup> Innata li dan l-avviż jikkonċerna biss l-iskambji li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>8</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-transfers-outside-eu/model-contracts-transfer-personal-data-third-countries\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-transfers-outside-eu/model-contracts-transfer-personal-data-third-countries_mt)

<sup>9</sup> L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2016/679.

<sup>10</sup> L-Artikolu 99 (2) tar-Regolament (UE) 2016/679.

ir-regoli korporattivi vinkolanti jkunu soġġetti għal approvazzjoni ġdida min-naħħa ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE li jikkonferma li dawn jagħtu salvagwardji adegwati fir-rigward tat-trasferiment internazzjonali ta' *data* personali wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>11</sup>.

Fir-rigward tar-regoli korporattivi vinkolanti approvati qabel il-25 ta' Mejju 2018 mill-awtorità superviżorja kompetenti fir-Renju Unit, dawn jistgħu jibqgħu jintużaw bħala mekkaniżmu validu ta' trasferiment skont ir-Regolament (UE) 2016/679 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jekk kwalunkwe konnessjoni tal-ordni ġuridiku tar-Renju Unit, bħall-entità korporattiva maħtura, il-qrat kompetenti jew l-awtorità superviżorja kompetenti tīgi ssostitwita mir-rwoli ekwivalenti għall-entitajiet korporattivi u l-awtoritatjiet kompetenti fl-UE biss<sup>12</sup> <sup>13</sup>.

### 1.3. Kodiċijiet ta' kondotta u ċertifikazzjoni

Skont l-Artikolu 46(1)(2)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679, id-*data* personali tista' tīgi ttrasferita abbażi l-Kodiċijiet ta' Kondotta approvati skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/679 flimkien mal-impenji vinkolanti u eżegwibbli tal-kontrollur jew tal-proċessur fil-pajjiż terz (minn hawn 'il quddiem imsemmija "kodiċijiet ta' kondotta tat-trasferiment").

Skont l-Artikolu 46(1)(2)(f) tar-Regolament (UE) 2016/679, id-*data* personali tista' tīgi ttrasferita abbażi ta' ċertifikazzjoni approvata b'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/679 flimkien ma impenji vinkolanti u eżegwibbli tal-kontrollur jew il-proċessur fil-pajjiż terz.

Rikors għall-Kodiċijiet ta' kondotta u għaċ-ċertifikazzjoni bħala mekkaniżmu ta' trasferiment se jiġi ċċarat aktar permezz tal-gwida li qed titħejja mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*<sup>14</sup>.

<sup>11</sup> Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) dalwaqt se jippubblika Nota ta' informazzjoni li tindirizza b'mod spċificu kif il-BCR jistgħu jiġi indirizzati fil-prattiha mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni tar-Renju Unit.

<sup>12</sup> Fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea li għandha taġixxi bħala l-Awtorità Ewlenija tar-Regola Korporattivi Vinkolanti, ara d-Dokument ta' Ħidma 263 rev.01 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, li jistabbilixxi l-Proċedura ta' Kooperazzjoni għall-approvazzjoni tar-Regoli Korporattivi Vinkolanti għall-kontrolluri u l-proċessuri skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Id-dokument ġie approvat mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

<sup>13</sup> Aktar dettalji, fosthom dwar il-proċedura li trid tīgi segwita, se tīgi inkluża fin-Nota ta' informazzjoni li ġejja tal-EDPB.

<sup>14</sup> Fil-każ li dawn kienu disponibbli qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-partijiet ikkonċernati huma infurmati li:

- il-kodiċijiet ta' kondotta approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti tar-Renju Unit jew
- il-korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati mill-awtorità superviżorja tar-Renju Unit jew korpi ta' akkreditazzjoni tar-Renju Unit

Mhumiex se jibqgħu jipprovdu salvagwardji adegwati wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## 2. DEROGI

Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 2016/679, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni jew ta' salvagwardji adegwati skont it-tifsira tal-Artikolu 46, trasferimenti jew sett ta' trasferimenti jistgħu jsiru abbażi tal-hekk imsejħa “**derogi**” li jippermettu trasferimenti f'każijiet speċifiċi, bħal abbażi tal-kunsens, fir-rigward tal-prestazzjoni ta' kuntratt, għall-eżerċitar ta' talbiet legali jew għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku<sup>15</sup>.

## B. DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 71(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li d-data personali tas-suġġetti tad-data barra mir-Renju, fejn id-data kienetp

- trażmess lejn ir-Renju Unit jew inkella proċessata fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; jew
- trażmess lejn ir-Renju Unit jew inkella proċessata fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni abbażi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ;

tibqa' tiġi proċessata fir-Renju Unit skont ir-Regolament (UE) 2016/679 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>16</sup>.

Dan jiżgura li protezzjoni kontinwata tad-data personali tas-suġġetti tad-data li d-data personali tagħhom tkun għiet trażmess lejn ir-Renju Unit meta r-Renju Unit kien Stat Membru u matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jiżgura wkoll li tali protezzjoni kontinwata tad-data personali ta' suġġetti tad-data barra mir-Renju Unit ipproċessata fir-Renju Unit abbażi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali ([https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-protection-eu\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/data-protection-eu_mt)) tipprovi informazzjoni ġenerali b'rabta mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

<sup>15</sup> Ara wkoll il-Linji gwida tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data 2/2018 tal-25 ta' Mejju 2018.

<sup>16</sup> Madankollu, jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' adegwatezza li r-Renju Unit joffri protezzjoni adegwata tad-data skont l-Artikoli 45(3) tar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2016/679 se jieqaf japplika (ara l-Artikolu 71(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). F'dak il-każ, sussegwentement, tali deċiżjoni ta' adegwatezza ma tibqax applikabbli (pereżempju, tħassir ta' deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45(5) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew l-annullament mill-Qorti), japplika l-Artikolu 71(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.